Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2118(INI)

7.7.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nacho Sánchez Amor

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tal-1948 u r-Riżoluzzjoni 43/29 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tat-22 ta' Ġunju 2020 dwar il-prevenzjoni tal-ġenoċidju,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni Bbażata fuq Reliġjon jew Twemmin, ipproklamata mir-Riżoluzzjoni 36/55 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Novembru 1981,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġj użi u Lingwistiċi tat-18 ta' Diċembru 1992,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata b'kunsens mir-Riżoluzzjoni 53/144 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-9 ta' Diċembru 1998,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi tagħha, adottati fil-25 ta' Mejju 2000,

– wara li kkunsidra t-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ tal-Armi, li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014, u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni ta' Armi tal-5 ta' Ġunju 1998,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Beijing tan-Nazzjonijiet Uniti ta’ Settembru 1995,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata fil-25 ta’ Settembru 2015, u b’mod partikolari l-għanijiet Nri 1, 4, 5, 8 u 10 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tal-4 ta’ April 1997 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina, u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom, tas-16 ta’ Mejju 2005 dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bniedem, u tal-25 ta’ Ottubru 2007 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-11 ta’ Mejju 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta’ Istanbul), li mhux l-Istati Membri kollha rratifikawha,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 6 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta’ April 1983 għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali dwar l-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta’ Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009[2],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta’ Frar 2023 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tal-2023 tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, adottat mill-Kunsill fis-17 ta’ Novembru 2020 u r-Rieżami ta’ Nofs it-Terminu tiegħu tad-9 ta’ Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE 2021-2025 (GAP III),

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal 2021-2024,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, adottati mill-Kunsill fl-14 ta’ Ġunju 2004,

– wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali tal-2005, kif aġġornata fl-2009,

[1] ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.
[2] ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, kif aġġornati mill-Kunsill fit-12 ta' April 2013,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), adottati fl-24 ta' Ġunju 2013,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline, adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Mejju 2014,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna, adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2019,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2019,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti għall-politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2019,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab/terzi, approvati mill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2021,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2012 bit-titolu "L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni" (COM(2012)0492),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023 dwar ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071),

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2022,

– wara li kkunsidra l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar il-Linji Gwida tal-UE u l-mandat tal-Mibgħut Speċjali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar il-protezzjoni tad-

[3] ĠU C 411, 27.11.2020, p. 30.
[4] ĠU C 404, 6.10.2021, p. 202.

drittijiet tal-bniedem u l-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq id-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tad-difensuri tal-ambjent f'din il-kwistjoni[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE)[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[8],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2022[10], u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (magħrufa bħala riżoluzzjonijiet ta' urġenza) adottati f'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu mill-2019, u b'mod partikolari dawk adottati fl-2022 u fl-2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-azzjoni tal-Unjoni madwar id-dinja hija ggwidata mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem;

B. billi, skont it-Trattati, il-protezzjoni u d-difiża effettiva tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE;

C. billi l-konsistenza u l-koerenza fost il-politiki interni u esterni tal-UE huma essenzjali għall-ksib ta' politika effettiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

D. billi l-pajjiżi li jiggarantixxu lil kull persuna l-abbiltà li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħhom huma demokraziji; billi l-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli huwa l-aħjar

[5] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 70.
[6] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 111.
[7] ĠU C 99, 1.3.2022, p. 152.
[8] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.
[9] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 295.
[10] Testi adottati, P9_TA(2023)0011.

sistema organizzattiva biex tiddefendi d-demokraziji;

E. billi n-numru ta' awtokraziji żdied, u skont l-Università ta' Gothenburg, 70 % tal-popolazzjoni tad-dinja issa tgħix taħt tmexxija awtoritarja[11]; billi din iż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu thedded l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni;

F. billi r-rieżami ta' nofs it-terminu ta' din is-sena tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 uriet li, minkejja l-progress miksub s'issa, jeħtieġ li jsir aktar, speċjalment fil-kuntest tal-isfidi bla preċedent li esperjenzat id-dinja mill-adozzjoni tiegħu;

Nindirizzaw ix-xejriet globali u l-isfidi ewlenin

1. Itenni mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jippromovu u jipproteġu d-demokrazija u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

2. Jenfasizza li l-UE trid tkun ippreparata bis-sħiħ biex tiġġieled iż-żieda tal-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu kif ukoll l-attakki li qed jiżdiedu fuq l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u d-dritt umanitarju internazzjonali;

3. Jikkundanna t-tendenza li qed tiżdied ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valuri demokratiċi madwar id-dinja, bħall-eżekuzzjonijiet, it-tortura, l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji, ir-restrizzjonijiet fuq is-soċjetà ċivili u l-avversarji politiċi, l-użu eċċessiv tal-vjolenza mill-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċensura u t-theddid għall-media indipendenti, fost oħrajn; jiddeplora d-dgħjufija tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetajiet ċivili madwar id-dinja;

4. Jiġbed l-attenzjoni lejn iż-żieda fis-sett ta' għodod użat minn reġimi awtoritarji u illiberali biex jinbena qafas biex jitnaqqru d-drittijiet tal-bniedem permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jintużaw biex isikktu u jheddu s-soċjetà ċivili, jikkontrollaw il-ġudikatura u jippersegwitaw lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fost oħrajn, u jillimitaw it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali li huwa ksur sfaċċat tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li hemm ukoll "punti pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem" f'dan il-kuntest ta' sfidi kbar għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa għal komunikazzjoni aktar strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija billi jinxterdu aħbarijiet dwar riżultati pożittivi, politiki u l-aħjar prattiki; jappoġġja l-inizjattiva ta' Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[12] bħala mod kif jiġu promossi stejjer pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

[11] Università ta' Gothenburg, "The world is becoming increasingly authoritarian - but there is hope" (Id-dinja qed issir dejjem aktar awtoritarja - iżda hemm it-tama), 2 ta' Marzu 2023 https://www.gu.se/en/news/the-world-is-becoming-increasingly-authoritarian-but-there-is-hope.
[12] https://goodhumanrightsstories.net/.

Nirrispondu għall-isfidi universali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija

Inħarsu d-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u l-liġi umanitarja

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rispettatat id-dritt umanitarju internazzjonali; jitlob li tiġi garantita b'mod effettiv il-mogħdija rapida u mingħajr xkiel tal-għajnuna umanitarja waqt kunflitti armati u għall-ħolqien sistematiku ta' kurituri umanitarji meta u fejn ikun meħtieġ f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati u gwerer; jikkundanna l-konsegwenzi umanitarji diżastrużi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżati mill-gwerra moderna u kunflitti madwar id-dinja; jindika l-impatti ġenerati tal-kunflitti armati kif ukoll il-konsegwenzi ambjentali tagħhom;

Id-Dritt għall-ħajja: favur l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt

7. Jinnota li minkejja t-tendenza f'xi pajjiżi mhux tal-UE li jieħdu passi lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, għadhom jeżistu sfidi sinifikanti f'dan ir-rigward; jiddeplora l-fatt li f'pajjiżi oħra mhux tal-UE l-għadd ta' sentenzi tal-mewt li twettqu laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-aħħar ħames snin; itenni t-talba tiegħu għall-pajjiżi kollha biex jabolixxu għal kollox il-piena tal-mewt jew jistabbilixxu moratorju immedjat bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha;

Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u d-dritt għall-informazzjoni

8. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-intoppi dejjem akbar għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media madwar id-dinja, partikolarment għall-ġurnalisti; jikkundanna ċ-ċensura tal-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz tal-applikazzjoni tal-hekk imsejħa liġijiet ta' "aġenti barranin", kif ukoll miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħra adottati minn reġimi awtoritarji u illiberali; ifakkar fit-tħassib serju tiegħu dwar l-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika biex isikktuhom;

Id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin

9. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ksur tad-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin; jiddeplora l-istrumentalizzazzjoni l-identitajiet tar-reliġjon jew tat-twemmin għal skopijiet politiċi u l-esklużjoni ta' minoranzi reliġjużi u ta' twemmin u komunitajiet reliġjużi f'ċerti pajjiżi mhux tal-UE; jirrakkomanda li l-mibgħut speċjali jaħdem mill-qrib u b'mod kumplimentari mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, għal dan il-għan, iqis li l-Mibgħut Speċjali għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon u it-twemmin barra l-UE jenħtieġ li jiġi integrat fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna b'mod simili għall-mibgħuta speċjali l-oħra u r-rappreżentanti speċjali tal-UE;

Id-dritt għall-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni

10. Itenni l-kundanna tiegħu tal-forom kollha ta' razziżmu, intolleranza, ksenofobija u diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, etniċità, nazzjonalità, klassi soċjali, diżabilità, kasta, reliġjon, twemmin, età, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru; jikkundanna t-theddida internazzjonali dejjem tikber tad-diskors ta' mibegħda, inkluż

dak online; itenni r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u d-djalogu fil-promozzjoni tat-tolleranza, il-fehim u d-diversità;

Id-dritt għal-libertà mit-tortura u minn trattament krudili, inuman jew degradanti

11. Jikkundanna kwalunkwe azzjoni jew tentattiv biex jillegalizza, jinstiga, jawtorizza, jew jagħti l-kunsens jew jaqbel mat-tortura u ma' metodi oħra ta' trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti taħt kwalunkwe ċirkostanza;

Id-dritt għall-parteċipazzjoni pubblika

12. Jinnota li d-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti mhuwiex rispettat f'reġimi awtoritarji u illiberali; jenfasizza li dawn ir-reġimi jwettqu elezzjonijiet foloz bil-għan li jsaħħu s-setgħa tagħhom, peress li ma għandhomx kontestazzjoni politika reali u pluraliżmu; itenni t-talbiet tiegħu biex l-UE tesplora l-introduzzjoni ta' stedina permanenti għall-osservazzjoni tal-elezzjonijiet fi ħdan il-klawsola demokratika fil-ftehimiet tal-UE, l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi u mekkaniżmi ekwivalenti;

Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

13. Jenfasizza li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma drittijiet tal-bniedem indispensabbli u indiviżibbli, kif ukoll bażi għall-istat tad-dritt u demokraziji reżiljenti; jiddeplora l-fatt li miljuni ta' nisa u bniet għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni u vjolenza, speċjalment fil-kuntest ta' kunflitti, u huma mċaħħda mid-dinjità, mill-awtonomija u saħansitra mill-ħajja tagħhom; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lil sħab li jaħsbuha l-istess iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jitlob karta tal-UE tad-drittijiet tan-nisa; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki li qed jiżdiedu fuq is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi madwar id-dinja, kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jilqa' l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Id-drittijiet tal-migranti u r-refuġjati

14. Jiddenunzja l-erożjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati bil-forza; jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tagħhom u jfakkar fl-obbligu tal-istati li jipproteġuhom skont il-liġi internazzjonali pertinenti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsostnu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward; jinsab imħasseb ħafna dwar in-numru bla preċedent ta' nies spostati bil-forza bħala riżultat ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem (122 miljun sal-aħħar tal-2022), li rdoppja f'dawn l-aħħar 10 snin;

Id-drittijiet tal-bniedem, in-negozju u l-kummerċ

15. Jenfasizza r-rwol tal-kummerċ bħala strument ewlieni għall-promozzjoni u t-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab tal-UE; jinnota, madankollu, li ftit li xejn kien hemm titjib f'xi wħud mill-pajjiżi kkonċernati; jiddeplora l-effetti detrimentali ta' attivitajiet kummerċjali eċċessivi u ta' sfruttament fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jappella għal ftehim finali rapidu u ambizzjuż dwar id-direttiva dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward tas-sostenibbiltà korporattiva b'regoli vinkolanti tal-UE

dwar imġiba korporattiva responsabbli fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u dawk ambjentali u finalizzazzjoni f'waqtha tal-projbizzjoni tal-prodotti tax-xogħol furzat biex jiġi żgurat li l-prodotti magħmulin b'xogħol furzat ikunu pprojbiti fis-suq tal-Unjoni;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+

16. Jiddeplora l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-diskriminazzjoni, il-persekuzzjoni, il-vjolenza u l-qtil kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ+) madwar id-dinja; jinsab imħasseb ħafna bit-tixrid ta' mibegħda u narrattivi u leġiżlazzjoni kontra l-LGBTIQ+, immirati lejn persuni LGBTIQ+ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; itenni t-talbiet tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija tal-Ugwaljanza LGBTIQ 2020-2025 bħala l-għodda tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja;

Id-drittijiet tat-tfal

17. Jikkundanna t-tnaqqis fir-rispett għad-drittijiet tat-tfal u l-ksur dejjem jiżdied ta' dawn id-drittijiet, inkluż permezz ta' vjolenza, żwieġ bikri u furzat, abbuż sesswali inkluż mutilazzjoni ġenitali, traffikar, xogħol tat-tfal, reklutaġġ ta' suldati tfal, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, il-malnutrizzjoni u l-faqar estrem; itenni t-talba tiegħu għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki esterni kollha tal-UE;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

18. Jinsab imħasseb dwar l-isfidi għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, bħall-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika; itenni t-talbiet tiegħu lill-UE biex tassisti lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp ta' politiki b'appoġġ għal dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità;

Id-drittijiet tal-anzjani

19. Itenni t-talba tiegħu biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżviluppaw toroq ġodda biex isaħħu d-drittijiet tal-anzjani filwaqt li jqisu l-isfidi multipli li jiffaċċjaw, bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, il-faqar, il-vjolenza u n-nuqqas ta' protezzjoni soċjali, fost l-oħrajn;

Id-dritt għall-ikel

20. Ifakkar li d-dritt għall-ikel, inkluż l-aċċess fiżiku u ekonomiku għal ikel adegwat jew il-mezzi għall-akkwist tiegħu, huwa dritt tal-bniedem; jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi għad-dritt għall-ikel madwar id-dinja, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' gwerra u kunflitti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu linji gwida obbligatorji dwar id-dritt għall-ikel fi ħdan is-sistema tan-NU;

Id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli

21. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent għandu effetti diretti fuq it-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jirrikonoxxi l-ħidma importanti ta'

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti indiġeni għall-protezzjoni ta' ambjent nadif, san u sostenibbli; jiddeplora r-riskju li jiffaċċjaw id-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti indiġeni u jitlob li tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom;

Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġiji diġitali

22. Jinsab imħasseb bit-theddida li l-intelliġenza artifiċjali (AI) tista' toħloq għad-demokraziji u d-drittijiet tal-bniedem, speċjalment jekk ma tkunx regolata kif xieraq; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2023 biex jissaħħu r-rwol u t-tmexxija tal-UE fil-governanza diġitali globali, b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha bħala dik li tifforma l-ktieb tar-regoli diġitali globali, u f'dan is-sens jilqa' l-proposta għal regolament li jarmonizza r-regoli dwar l-IA li jeħtieġ li jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem u l-vantaġġi li l-IA tista' toffri għall-benessri tal-bniedem;

It-tisħiħ tal-għodda tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

23. Josserva li l-implimentazzjoni s'issa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija mill-UE u l-Istati Membri tagħha, għalkemm sostanzjali, għadha lura, b'mod partikolari, kif dikjarat fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha, minħabba l-isfidi mingħajr preċedent li d-dinja esperjenzat mill-adozzjoni tiegħu, jilqa', f'dan is-sens, it-tisħiħ tal-pjan ta' azzjoni għall-perjodu li fadal tiegħu, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-livelli lokali, nazzjonali u globali;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

24. Jappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kontribut għall-viżibbiltà u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tal-UE; isostni r-rwol ċentrali tiegħu fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE billi jinvolvi ruħu ma' pajjiżi terzi u sħab li jaħsbuha l-istess;

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

25. Ifakkar fir-rwol fundamentali li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inkluż il-programm tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, għandu bħala strument ewlieni tal-UE fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi involut mas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet esterni rilevanti kollha tal-UE; itenni l-importanza li jiġi ssimplifikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-UE;

Il-ftehimiet internazzjonali tal-UE

26. Jenfasizza li l-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li japplikaw għall-ftehimiet

internazzjonali kollha tal-UE bħala “element essenzjali”, inklużi ftehimiet settorjali u ta’ investiment; jinnota li sal-2014 l-UE attivat formalment il-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem f’għoxrin okkażjonijiet u minn dakinhar adottat biss “miżuri xierqa” taħt dawn il-klawsoli f’okkażjoni waħda biss; itenni li quddiem ksur persistenti tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi sħab tagħha l-UE jenħtieġ li tirreaġixxi malajr u b’mod deċiżiv, inkluż billi tissospendi l-ftehimiet rilevanti jekk għażliet oħra jirriżultaw ineffettivi;

Id-djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

27. Jenfasizza r-rwol importanti tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ħdan is-sett tal-għodod tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u bħala mezz ewlieni għall-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jenfasizza li dawn id-djalogi jenħtieġ li jindirizzaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kollha mal-pajjiżi rilevanti; jinnota li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li jitqiesu bħala element ewlieni ta’ impenn sostnut tal-UE u mhux bħala strument awtonomu; ifakkar li dawn id-djalogi jeħtieġ li jintużaw flimkien u b’sinerġija ma’ strumenti oħra; itenni l-ħtieġa li jitqajmu każijiet individwali u jiġi żgurat segwitu adegwat; jitlob li tiżdied il-viżibbiltà ta’ dawn id-djalogi u r-riżultati tagħhom inkluż permezz tal-pubblikazzjoni ta’ stqarrija għall-istampa konġunta;

Reġim Globali ta’ Sanzjonijiet tal-UE b’rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSR)

28. Jilqa’ l-użu dejjem akbar tal-GHRSR tal-UE bħala għodda politika ewlenija fid-difiża tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jinnota, madankollu, l-isfidi li r-rekwiżit tal-unanimità joħloq fl-adozzjoni tagħhom u jtenni t-talba tiegħu għall-introduzzjoni ta’ votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet dwar il-GHRSR; jappoġġa bis-sħiħ il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet immirati kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-qafas tal-UE f’dan ir-rigward, li ilha prijorità tal-Parlament, kemm jekk permezz tal-inklużjoni tiegħu fil-GHRSR jew b’reġim differenti; jenfasizza l-ħtieġa għall-infurzar sħiħ tas-sanzjonijiet u jitlob li jiġu ttrattati ċ-ċirkomvenzjonijiet;

Attivitajiet ta’ appoġġ għad-demokrazija

29. Itenni t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fl-attakki minn reġimi awtoritarji u illiberali fuq id-demokrazija u l-istandards demokratiċi; jenfasizza li d-difiża u l-appoġġ tad-demokrazija madwar id-dinja qed isiru dejjem aktar ta’ interess ġeopolitiku u strateġiku; itenni l-importanza tal-missjonijiet ta’ osservazzjoni elettorali tal-UE u l-kontribut tal-Parlament għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-metodoloġija tagħhom; jitlob li jissaħħu r-riżorsi tal-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

L-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

30. Huwa mħasseb ħafna bl-attakki u l-fastidju fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-familji, il-komunitajiet u l-avukati tagħhom, u jsib li l-mezzi dejjem aktar sofistikati użati biex jippersegwitawhom huma partikolarment preokkupanti; jappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-azzjoni tal-UE biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom madwar id-dinja; jitlob l-applikazzjoni sħiħa u

konsistenti tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-UE u l-Istati Membri tagħha; jitlob sforzi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-azzjonijiet u l-kanali tal-UE għall-protezzjoni u l-appoġġ tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem: itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu rwol proattiv fl-istabbiliment ta' skema ta' viża għal diversi dħul madwar l-UE kollha għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu f'riskju;

Il-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni

31. Jenfasizza li kemm l-impunità kif ukoll il-korruzzjoni jippermettu u jaggravaw l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u t-tnaqqis demokratiku; jilqa' l-azzjonijiet kontra l-korruzzjoni fil-politiki esterni tal-UE fil-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-3 ta' Mejju 2023 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (JOIN(20203)0012); jappoġġa d-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni inklużi fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE; jenfasizza r-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi mhux tal-UE fis-sorveljanza tal-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni;

Azzjonijiet tal-UE fil-livell multilaterali

32. Itenni l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu ħilithom biex jitkellmu b'vuċi waħda fin-NU kif ukoll f'fora multilaterali oħra; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiggarantixxu post separat u permanenti għall-Unjoni f'fora multilaterali, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-fora multilaterali, li għalihom jenħtieġ li jkollhom riżorsi xierqa disponibbli;

33. Jilqa' l-appoġġ politiku u finanzjarju li l-UE tat lill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), inkluż l-uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġaw lill-QKI bil-mezzi u r-riżorsi meħtieġa u jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex isaħħu l-ġlieda kontra l-impunità madwar id-dinja;

Approċċ "Tim Ewropa"

34. Jiddispjaċih dwar il-każijiet ta' approċċi differenti għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi mhux tal-UE li dehru fl-ambaxxati tal-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE; jissottolinja li l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE, bħad-delegazzjonijiet tal-UE, jenħtieġ li jkollhom rwol dejjem akbar fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll fl-appoġġ tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi mhux tal-UE: jinnota li din ir-responsabbiltà ma għandhiex taqa' għal kollox fuq id-Delegazzjonijiet tal-UE; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jippromovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja;

°

° °

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-President tas-77 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Parlament Ewropew jadotta tliet rapporti annwali dwar il-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża, u tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE.

It-tliet rapporti huma dwar:

- l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tal-Kumitat AFET,
- id-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2022) - kompetenza tas-Sottokumitat DROI, u
- l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tas-Sottokumitat SEDE.

Dawn ir-rapporti jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluża l-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Huma komponent ewlieni tal-kontribut tal-Parlament Ewropew għat-tfassil tal-politika barranija tal-UE, l-aktar fir-rigward tad-dritt imsaħħaħ ta' skrutinju mogħti lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona. Huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew iwieġeb għar-rapporti annwali maħruġa minn istituzzjonijiet oħra ħekk kif jiġu ppubblikati.